LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI

## Uffiċjali Prinċipali tal-Libertà tal-Informazzjoni (PFOIOs) u Uffiċjali tal-Libertà tal-Informazzjoni (FOIOs)

### In-nomina ta' FOIOs

Kull awtorità pubblika trid tinnomina FOIO u mill-inqas FOIO Sostitut wieħed, sabiex jirrappreżenta lill-Kap tal-awtorità pubblika fi kwistjonijiet relatati mal-Libertà tal-Informazzjoni (FOI).

L-FOIO responsabbli għall-Ministeru jassumi r-rwol ta' FOIO Prinċipali (PFOIO) u huwa assistit ukoll minn uffiċjal supplenti.



### X'inhu r-rwol ta' FOIO?

L-FOIO huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' talbiet għal dokumenti f'konformità mal-FOIA. Dan jinkludi s-sottomissjonijiet ta' talbiet, l-ipproċessar tagħhom, ir-referenza għal awtorità pubblika oħra (fejn meħtieġ) u kwalunkwe komunikazzjoni mal-applikanti, kif meħtieġ.

Il-komunikazzjoni mal-applikanti tista' tkun meħtieġa sabiex tassisti lill-applikanti eliġibbli li jixtiequ jagħmlu talba, iżda li ma pprovdewx id-dettalji u l-informazzjoni kollha meħtieġa li jippermettu lill-FOIO jidentifika d-dokument mitlub.

Kull awtorità pubblika għandha mailbox speċifika għat-talbiet tal-FOI sabiex jiġi evitat it-tqegħid ħażin tat-talbiet tal-FOI. L-applikanti jistgħu jibagħtu talba permezz tal-email u tweġiba għandha tiġi pproċessata fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta l-awtorità pubblika tirċievi t-talba tal-FOI.

### X'inhu r-rwol tal-FOIO Sostitut?

Is-Sostituti tal-FOIOs jinħatru biex jassistu lil FOIOs u jaqdu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom meta dawn tal-aħħar ma jkunux disponibbli.

**X'inhu r-rwol ta' Uffiċjal Prinċipali tal-FOI (PFOIO) u PFOIO Sostitut?**

Minbarra d-dmirijiet ta' FOIO, li huma spjegati hawn fuq, il-PFOIO, fost dmirijiet oħra, għandu:

- Jiżgura li kull awtorità pubblika fi ħdan il-Ministeru tkun koperta minn FOIO u Sostituti,
- Jiżgura li kull awtorità pubblika jkollha fis-seħħ Proċedura Interna tal-Ilmenti,
- Jikkomunika kwalunkwe aġġornament fir-rigward ta' FOIOs u Sostituti, lid-DPIC u tara li l-impenji tal-FOI qed jiġu implimentati mill-awtorità pubblika.

**Riżorsi disponibbli għal FOIOs**

Id-Direttorat għall-Protezzjoni tad-Data u l-Koordinazzjoni tal-Informazzjoni jassisti u jiggwida l-FOIOs f'mistoqsijiet relatati mat-tqassim ta' talbiet lill-awtorità pubblika rilevanti u jara li l-awtorità pubblika żżomm komunikazzjoni mal-applikanti fuq il-portal iddedikat tal-FOI.



foicu@gov.mt
https://foi.gov.mt

LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI